MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 668/2012

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Galea Saviour**
**ID 450351M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta’ Settembru, 2012 fejn il-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija tmienja u ghoxrin ewro u disa’ centezmi (€528.09), skont l-annessi prospett markati Dok ‘D’, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi tat-televizjoni, internet u tat-telefon kont numru A/C 40148513, moghtija mis-Socjeta’ attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-Socjeta’ attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tiegh u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2013 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-26 ta’ Mejju, 2013 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija tmienja u ghoxrin ewro u disa’ centezmi (€528.09) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------